**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 10 ta' Dicembru 2020.**

**<u>Rikors nru: 392/2020 AGV ;</u>**

ABC

U

DEFG

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tal-partijiet datat 10 ta' Novembru 2020, fejn esponew bir-rispett u ikkonfermaw;**

1. Illi ir-rikorrenti ABC u DEFG zzewwgu fid- 29 ta' Settembru 2007, fir-registru Pubbliku, l-Belt Valletta u dan skont l-anness certifkat mmarkat Dok. A;
2. Illi minn daz-zwieg twieldet tifla, HI, fid- 9 ta' Awwissu 2008;
3. Illi r-rikorrenti ssparaw minn xulxin permezz ta' sentenza moghti minn din l-Onorabbli Qorti, fis- 16 ta' Jannar 2018, mill-Onorevoli Imhallef Abigail

Lofaro LLD, Dip. Stud. Mag. Jur (Eur. Law) Dok B. In oltre' din l-imsemmija sentenza ma gietx appellata ghalhekk hija res judicata (Dok. C);

4. Illi mill-gurnata ma hemm ebda prospett li l-partijiet rrikonciljaw stante li ilhom ghal dal-ahhar hames snin separata de facto minn xulxin. In oltre', illum il-gurnata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin, u addirittura ffurmaw rabtiet ma' persuni ohrajn;
5. Illi in oltre' ma hemm ebda pendenza bejn il-partijiet rigward il-manteniment dovut ghall-minuri;
6. Illi l-partijiet jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li z-zwieg taghhom ghandu jigi mahlul. Ghal dan il-ghan huma qeghdin jaghtu struzzjonijiet kongunti lil-avukat sottoskritt sabiex jirraprezentahom f' dal-proceduri ghal-hall taz-zwieg;
7. In oltre, kull parti qed tipprezenta l-affidavit rispettiv taghha u li jinsabu esebiti u mmarkati bhala Dok. D, l-affidavit ta' ABC u Dok E, l-affidavit ta' DEFG;
8. Illi dal-fatti sopra citati jissodisfaw pjenament il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn ABC u DEFG, u tiddikjara z-zwieg taghhom, tad- 29 ta' Settembru 2009, mahlul ai termni tal-artikolu 66 A et seq tal-Kodici Civili, u kif ukoll tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilhaq xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti esebiti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**